**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 647/2019*

**Illum:** 28 ta' Frar, 2020

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**-vs-**

**Abdulkadir Ahmed Mohammed, detentur tal-Karta tal-Identita` Maltija bin-numru 0030398A; u**

**Mustafa Mohamud Mohamed, detentur tal-Karta tal-Identita` Maltija bin-numru 0051094A**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati **Abdulkadir Ahmed Mohammed** u **Mustafa Mohamud Mohamed,** u cioe` talli:

Nhar is-27 ta' Ottubru, 2019, għall-ħabta ta' bejn l-erbgħa u nofs ta' filgħodu (04:30hrs) u l-ħamsa u nofs ta' filgħodu (05:30hrs) ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan:

1. Ikkommettew serq ta' 'flus kontanti' fl-ammont ta' tlett mitt ewro (€300.00) u 'mobile phone' tal-għamla Samsung, għad-detriment ta'

**Mohammed Ahmed Helmi Elsayed** (ID: 217708A), liema serq huwa aggravat bil-'vjolenza', bil-valur u bil-'ħin';

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' **Mohamed Ahmed Helmi Elsayed** (detentur tal-permess tar-residenza Maltija bin-numru 217708A) f'periklu ċar, ikkaġunawlu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa;

3. Kissru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;

4. Għexu ħajja ta' għażż u vagabundaġġ;

5. Irrendew ruħhom reċidivi b'sentenzi mogħtija lilhom mill-Qrati Kriminali (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

U lill-**Mustafa Mohamud Mohamed** waħdu wkoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi:

6. Ġarr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

7. F'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma setgħax jieħu ħsieb lilu nnifsu;

Kif ukoll lill-**Mustafa Mohamud Mohamed** waħdu talli fl-istess data ta' bejn id-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) u il-ħdax ta' filgħodu (11:00hrs) ġewwa l-Isptar Mater Dei fl-Imsida:

8. Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna tal-**Kuntistabbli 874 Wayne Briffa**, persuna nkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet tagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

9. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u ċioe' PC 874, jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħallu fi dmir, billi ma ħalliex lill-Kuntistabbli 874 Wayne Briffa jagħmel dak li b'Liġi kien ordnat jew setgħa jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li PC 874 kien għamel skont il-Liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, todna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

**PS 156 Ivan Attard** xehed dwar dak li sehh waqt li kien *duty* l-Ghassa ta' San Giljan: *"għal ħamsa u ħamsa (~ 5.05 a.m.) daħal persuna li miegħu kien hemm persuna oħra fejn dan qalilna li l-persuna li kien miegħu kien aggredih u irnexxilu jżommu u jniżżlu l-għassa. Aktar tard irriżulta li dan il-persuna li ġie l-għassa kien ċertu Mohammed Ahmed Helmi, fejn ma stajniex nikkomunikaw peress li la kien jaf bil-Malti u lanqas bl-Ingliż fejn wara morna r-residenza tiegħu, infurmajna lil missieru fejn ġibnih l-għassa sabiex ikun jista' jkun ta' interpretu. Stqarr li waqt li kien qiegħed jistenna fuq tal-linja, Triq Ross, San Ġiljan, avviċinawh diversi persuni ta' karnaġġjon skur fejn dawn għamlulu mus jew xafra miegħu u talbuh sabiex jgħaddilhom dak kollu kulma kellu. Huwa żied jgħid li huwa irreżista però xorta irnexxielhom joħdulu l-mobile, il-kartiera, xi flus, kif ukoll xi dokumenti tal-identifikazzjoni tiegħu. Qalilna ukoll illi waqt li kienu fl-argument huwa irnexxielu jżomm persuna u li eventwalment ġabu miegħu l-għassa li wara irriżulta li kien ċertu Ahmed Mohammed Abdulkadir. Għamilna tfittxija fuq is-Sur Abdulkadir, fejn sibnielu mobile tal-marka iPhone abjad, kif ukoll kellu kartiera sewda però ma kienx fiha flus. Eventwalment lil missier il-vittma tajnih struzzjonijiet sabiex imur bit-tifel il-klinika biex jipprovdi ċertifikat mediku…. Aktar tard xħin marru fuq l-istage tal-linja sabiex imorru l-clinic inzerta li l-istess persuna li kien il-vittma għaraf lit-tnejn l-oħrajn fejn missieru niżel l-għassa, identifika min kienu, il-kollegi tiegħu telqu jiġru warajhom u fortunatament qabdu wieħed biss, li wara li irriżulta li kien ċertu Mustafa Mohamed. …... Għamilnielu tfittxija ġol-għassa fejn fl-imsemmija tfittxija nstab mus bix-xafra pjuttost twila,".* Ix-xhud gharraf lill-imputati li jsemmi fil-kors tax-xhieda tieghu.[1]

Gie esebit **Current Incident Report** li jispjega kif ghall-habta tal-04:50hrs dahal l-Ghassa ta' San Giljan certu Mohamed Ahmed Helmi Elsayed u mieghu dahhal persuna li wara rrizulta kien Abdulkadir. Elsayed spjega lill-pulizija li kif kien fuq il-*bus stop* in-naha tal-ghassa Abdulkadir u tlieta ohra hargu sikkina

[1] Fol.79-80

ghalih u rieduh itihom kull ma kellu fuqu. Meta Elsayed qalilhom li ma kien ser itihom xejn dawn hadulu €300, *wallet, residence card u mobile* Samsung. Fl-aggressjoni sofra girfa fuq sidru u fuq in-naha tal-lemin ta' ghonqu; ghalkemm l-ohrajn inkluz tifel li kien maghhom rnexxielhom jaharbu, hu lahaq zamm wiehed u hadu l-Ghassa. Dan gie mizmum ghall-aktar investigazzjonijiet. Wara gie missier Elsayed u kif kienu sejrin lejn ic-centru tas-sahha raw lill-aggressuri l-ohra w infurmaw b'dan il-pulizija li rnexxielha taqbad lill-wiehed minnhom u arrestatu. Iktar tard hdejn il-gnien fi Triq San Gorg Elsayed ra lil persuna ohra li kien ma Abdulkadir. Dan kien Mustafa u kellu dmija fuq imniehru w daqqa fuq in-naha ta' wara ta' rasu. Fuqu instab mus. Hekk kif Mustafa kien Mater Dei beda jghajjat li ser jirraporta lil PC874 u PC1217 lil Prim Ministru biex jitkeccew. Ghajjarhom pufti u qal li huma handicapped.[2]

Fl-istqarrija li rrilaxxa Abdulkadir Ahmed jiddikjara li kien hemm glieda bejn Somalu u Egizzjan u dan tal-ahhar talbu jghinu. Innega li kien seraq lil Helmi Elsayed u ma fehmx ghaliex issejhu l-pulizija. Jinnega li qatt attakka lil Elsayed. Dwar il-*mobile* li nstab fuqu jghid li tahulu wiehed Nigerjan jismu Johnnie l-Marsa, u l-*wallet* tahulu xi hadd il-gurnata ta' qabel; fih kien hemm tal-linja card. Dwar il-gakketta li kien libes jghid li sabha kif kien qed jimxi mill-Marsa ghal Paceville. Talab li jintbghat lura f'pajjizu, peress li mghandux fejn jghix.[3]

Mustafa Mohamed wkoll irilaxxa stqarrija w jibda biex jghid li ma ghandux fejn jghix. Kien ghadu kemm hareg mill-Habs jum qabel wara li skonta piena ghall-serq. Ma jafx x'gara ghajr li kien fuq bus stop u f'salt wiehed ra zewg Somali jigru w l-pulizija qabdu lilu. Jammetti li xorob seba' pinet Skol. Jinnega li attakka lil Elsayed jew li serqu. Jghid li s-sikkina li kellu fuqu kienet ghall-ikel.[4]

L-istqarrijiet gew ikkonfermati mill-**Ispettur Joseph Xerri** li anke spjega l-investigazzjonijiet minnu kondotti.[5]

**Ahmed Helmi Elsayed** xehed kif kien rieqed id-dar meta ibnu rritorna mal-pulizija minghajr hwejjgu u bi griehi f'sidru u f'ghonqu. Qallu li gie aggredit u misruq minn erba' minn nies. Hu rega' mar l-Ghassa ma ibnu peress li t-tifel ma kienx jitkellem sew bil-Malti jew bl-Ingliz. Kif lestew milli jaghmlu r-rapport u kienu fi triqithom biex jirkbu tal-linja, ibnu lemah tlieta minn dawk li sawtuh. Hu mar jghid b'dan lill-pulizija. Sabu lil Mustafa li kien propju dak li sawwat lill-ibnu. Fuqu instabet sikkina. Sadanittant lilu tawh parir jiehu lill-

2 **Dok.JX10** a fol. 19-23
3 **Dok.JX3** a fol.9-10
4 **Dok.JX7** a fol. 15-16
5 Fol.31-33

ibnu l-policlinic jaghmel certifikat.[6] Riprodott ikkonferma li ghadda c-certifikat mediku mahrug minn Dr. Glenn Garzia lill-pulizija.[7] Dan ic-certifikat, li d-difiza tal-imputati ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega li jigi kkonfermat mit-tabib Garzia,[8] juri li Elsayed sofra griehi hfief li kienu jikkonsistu f' *superficial lacerations* fuq sidru w fuq ghonqukif ukoll li kellu tbengil fuq l-ispalla tal-lemin w ugigh fuq in-*nose bridge.*[9]

**Mohamed Ahmed Hemi Elsayed** beda biex spjega kif waqt li kien fuq il-*bus stop* marru attakkawh l-imputati flimkien ma tnejn ohra w tifel li anke hadlu l-mobile. **L-imputati zammewh sakemm ittiehdulu l-affarijiet, u Mustafa hareg sikkina.** Kif serquh telqu minn fuq il-post. **Hadulu l-mobile, ID Card, €300 u bus card.**[10] ***"Dawn iz-zewg akkuzati kienu zammewni hekk u t-tifel iz-zghir irnexxilu jehodli l-gakketta minn fuqi u baqa' jigri u l-affarijiet hadhom".*** Hu rnexxielu jzomm lil wiehed mill-aggressuri, lil Abdulkadir. Sadanittant rawh il-pulizija w hadu lil Abdulkadir l-Ghassa.[11] Peress li ma setghax jikkomunika mal-Pulizija, ittiehed id-dar biex jingieb missieru l-Ghassa. Kif kienu fit-triq lemah lil Mustafa fejn kien rah l-ewwel darba meta safa' aggredit. Missieru nforma b'dan lill-pulizija li arrestawh u anke sabu li kellu sikkina fuqu.[12] Wara mar jaghmel certifikat mediku minhabba li **garrab griehi fuq mniehru, fuq ghonqu w fuq sidru.**[13]

**PC874 Wayne Briffa** spjega kif kien l-Ghassa meta dahal Helmi Elsayed flimkien ma missieru jaghmel rapport li safa' misruq.[14] Kif telqu mill-Ghassa rega' mar missieru biex jinforma lill-pulizija li ibnu kien gharraf xi persuni li kienu aggredewh. Il-pulizija marret fuq il-post indikat, Spinola Hill fejn il-Pizza Hut, fejn filwaqt li tnejn telqu jigru, it-tifel irnexxielu jzomm lil Mustafa. Peress li l-istess Mustafa kellu xi griehi fuq imniehru w anke lmenta mat-tobba tal-Policlinic li kien migugh hdejn ghajnejh, dan ittiehed Mater Dei ghal CT Scan. Ikompli *"kif konna qieghed hemmekk jistennew beda' lili ihares lejja u* ***jghidli inti handikappat, inti pufta****…. u qalli li ser icempel lil Joseph Muscat li ser ikeccini mill-korp tal-Pulizija ghax arrestajnih ghal xejn b'xejn".* Baqa' dejjem mieghu mil-hin

---

[6] Fol.37-39
[7] Fol.49-50
[8] Verbal tad-19.11.19 a fol.59
[9] **Dok.JX11** a fol.24
[10] Fol.41-43
[11] Fol.43
[12] Fol.44-45
[13] Fol.46
[14] Fol.52

tal-arrest flimkien mal-kuntistabbli Sean Kitcher. [15] **Il-kliem dispreggattiv** tlissen biss fil-hin li kienu l-isptar, x'hin raha n-nies biex jigbed l-attenzjoni.[16]

**PC1217 Sean Kitcher** jikkonferma li hekk kif Mustafa kien fid-dipartiment tal-emergenza *"beda jghajjarna li ahna handikappati u li ahna pufti ghax hu minghalih li ahna arrestajnieh ghalxejn…Hares direttament f'ghajnejna….Bil-Malti jigifieri qalilna: **"Handikappati u pufti**…qalli ukoll li jiena m'inix kapaci ghal dan ix-xoghol".*[17]

Fuq dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni fil-konfront taz-zewg imputati.

Fir-rigward tar-reat kontravvenzjonali ravvizat bl-artikolu 338(w) tal-Kodici Kriminali, dan ma jistax jinghad li gie soddisfacentement ippruvat w ghalhekk l-imputati qed jigu liberati mir-raba' (4) imputazzjoni.

Lanqas ma giet ippruvata l-imputazzjoni numru seba' (7), addebitata lill-imputat Mustafa Mahamud Mohamed biss, tenut kont li minn inkien ma jirrizulta li l-imputat Mustafa kien tant xurban li ma setghax jiehu hsieb tieghu nnifsu. L-istess jinghad ghall-imputazzjoni numru disa' (9) wkoll addebitata esklussivament lil dan l-imputat peress li minn imkien ma jirrizulta li PC874 kien gie mfixxkel fil-qadi ta' dmirijietu.

Fir-rigward tat-tmien imputazzjoni addebitata lill-imputat Mustafa biss, issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Josianne Bonello,** fejn f'dak il-kaz l-imputata giet addebitata anke bir-reat t'ingurja li gie abrogat bl-***Att XI tal-2018***:[18]

> Stabilit dan il-punt ta' fatt ,il-Qorti trid issa tara x'inhuma lkonsegwenzi legali ta' dan .Illi l-artikolu 95 (1) tal-Kodici Kriminali, fil-parti rilevanti tieghu ghall-kaz in ezami , jghid testwament hekk :- "Kull min .....jingurja jew jhedded , jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarikat skond il-ligi minn servizz pubbliku , waqt li jkun jaghmel , JEW MINHABBA LI JKUN GHAMEL DAN IS-SERVIZZ (emfasi tal-Qorti) .....jehel , meta jinstab hati , l-piena stabilita ghall-ingurja , ... mizjuda bi grad."
>
> Umbaghad l-artikolu 252 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li :-

---

[15] Fol.53-54

[16] Fol.55-56

[17] Fol.76-77

[18] Qorti tal-Appell Kriminali, Dec 16.01.2003, Appell Kriminali Numru. 231/2002 per Onor. Imhallef Dr. Joseph Galea Debono.

> "kull min , bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd , iwegghu bi kliem , b'gesti , b'disinji jew b'xi mod iehor , jehel meta jinsab hati , l-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tlitt xhur jew il-multa." u s-subartikolu (2) tal-istess artikolu jghid :-
> "Jekk l-ingurja ssir bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat inkella bi kliem jew eghmil li jkun biss mhux xieraq , il-hati jehel il-pieni stabiliti ghall-kontravvenzjonijiet."
>
> …….Illi ma hemmx dubju li l-uzu tal-kelma adoperata mill-appellanti hija wahda dispreggjattiva w ingurjuza fil-konfront tas-Surgent Sciberras . Id-diffikolta' li tinholoq hija jekk l-uzu ta' din il-kelma waheda b'mod mhux specifikat jew marbut ma xi event , persuna ohra jew agir partikolari ghandux jitqies bhala l-ingurja kontemplata fl-artikolu 252 (1) fil-gergo legali maghrufa bhala "ingurja gravi" jew dik kontemplata fis-subartikolu (2) , maghrufa bhala "ingurja semplici" u dana ghaliex il-konsegwenzi fil-piena huma ovvjament alkwantu differenti.
>
> Illi fil-fehma ta' din il-Qorti , l-kelma adoperata mill-appellanti b'mod generiku u bla ebda rabta ma xi persuni ohra, agir partikolari w eventi partikolari , "in common parlance" u fil-kontest li fih tintuza il-lum il-gurnata , ma tistax titqies bhala ingurja gravi , l-istess bhal ma l-kelma generika "qahba" giet ritenuta li ma tikkostitwix ingurja gravi imma biss l-ingurja kontemplata fis-subartikolu (2) tal-artikolu 252. Ghalkemm il-veru sinifikat tal-kelma hu dak li hu w cioe' li jimplika li persuna hija omosesswali , fil-gergo ta' kulljum , din il-kelma - li sfortunatament spiccat fuq fomm hafna nies - saret tfisser persuna sgradevoli, antipatika, kiesha jew li mhux ta' min wiehed ikollu x'jaqsam maghha u dan ghal kull raguni kwalsiasi mhux necessarjament minnhabba konnotazzjonijiet omosesswali . B'dan din il-Qorti b'ebda mod ma trid tnaqqas il-portata jew il-gravita' tar-reat kommess kontra persuna fdata b'servizz pubbliku bhal ma kien P.S. Sciberras u minhabba dan is-servizz li hu jkun wettaq , kif jirrizulta li gara f'dan il-kaz. Il-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom xoghol difficli ferm u dan ,kull ma jmur, qed isir aktar difficli, perikoluz u impenjattiv u ghalhekk huma ghandhom kull dritt li jistennew li jkollhom il-protezzjoni tal-ligi w tal-Qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom . Din il-Qorti hija altru milli konxja minn dan.
>
> Illi pero' fil-kaz in ezami , ladarba jidher li l-ingurja li sofra PS Sciberras kienet dik kontemplata fl-art. 252 (2) tal-Kodici Kriminali , l-piena applikabbli ghaliha kienet dik tal-kontravvenzjonijiet….

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs John Baptist Spiteri** fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabet li kien hemm ksur tal-artiklu 95 tal-Kodici Kriminali meta ntuzat il-kelma *"pulcinell"* fil-konfront ta' ufficjal tal-pulizija li kien qed iwettaq xoghlu.[19]

Ghalhekk minn dawn ir-rizultanzi processwali u fuq skorta tal-gurisprudenza enuncjata, ma hemmx dubbju li l-imputazzjoni numru tmienja (8) tirrizulta ppruvata in kwantu ghall-kliem dispreggjattiv li ntqal fil-konfront ta' PC874 Briffa. Il-kliem li ntqal u cioe` li kien ser jirraportah lil Prim Ministru biex jitkecca' ma gahndux jitqies bhala kliem ta' theddied tenut kont li jirrizulta li l-imputat qal dan ghaliex, skond hu, gie arrestat ghal xejn.

<u>Recidiva</u>

[19] Dec 07.04.2009 per Onor Magistrat Dr. Edwina Grima

Riprodott l-Ispettur Xerri pprezenta numru ta' sentenzi moghtija fil-konfront ta' Mustafa Mohamud Mohamed: Sentenza tat-2 ta' Marzu, 2015, moghtija mill-Magistrat Dr. Gabriella Vella,[20] ohra moghtija mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale fis-27 ta' Marzu, 2017,[21] sentenza ohra tal-Magistrat Dr. Josette Demicoli datata 18 ta' Dicembru, 2017[22] u ohra tal-Magistrat Ian Farrugia datata it-13 ta' Gunju, 2019[23] li fiha x-xhud kien l-ufficjal prosekutur.

Esebixxa wkoll sentenzi fil-konfront ta' Ahmed Mohammed Abdulkadir datati l-21 ta' Marzu, 2013[24] moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi u fil-21 ta' Mejju, 2018, moghtija mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras.[25]

Il-konnotati tal-imputati jirrizultaw fis-sentenzi msemmija filwaqt lid-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega li ssir prova tal-identita` tal-imputati[26]. Mis-sentenzi esebiti jirrizulta li Mustafa Mohamud Mohamed instab hati fuq serq fi tlett okkazzjonijiet filwaqt li Ahmed Mohammed Abdulkadir f'okkazzjoni wahda. Ghalhekk fil-konfront taghhom saret id-debita prova li huma recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, il-hames (5) imputazzjoni.

Piena

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, il-karattru refrattarju tal-imputati w senjatament tal-imputat Mustafa Mahamud Mohamed li instab hati ta' serq diversi drabi, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Vittma f'dan il-kaz kien biss zaghzugh li kull ma ppretenda kien li jiddeverti ruhu w wara jirritorna f'daru, izda minflok gie rinfaccjat b'att daqstant koddard w viljakk pperpetrat fil-konfront tieghu.

Decide

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputati mir-raba' (4) imputazzjoni, u tillibera lill-imputat Mustafa Mohamud Mohamed wahdu mill-imputazzjonijiet numru seba' (7) u disa' (9), wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 215, 221(1), 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270, 274(c), 277(a), 279(a), 280(2), 289 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fil-konfront tal- imputat Mustafa Mohamud Mohamed wahdu, l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali u l-

[20] **Dok.JXZ** a fol.63-65
[21] **Dok.JXZ1** a fol.66-68
[22] **Dok.JXZ2** a fol.69-70
[23] **Dok.JXZ3** a fol.71-73
[24] **Dok.JXZ4** a fol.74-75
[25] **Dok.JXZ5** a fol. 86-88
[26] Fol.82

artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja tal-akkuzi l-ohra kollha, u tikkundanna lill-imputat Abdulkadir Ahmed Mohammed ghall-**tnejn u erbghin xahar (42) prigunerija**, u lill-imputat Mustafa Mohamud Mohamed ghall-**hames (5) snin u nofs prigunerija** u *multa* ta' €1,000. Minn dawn it-termini ta' prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputati ghamlu taht arrest preventiv.

Tenut kont tax-xewqa tal-imputati li jigu rimpatrijati lejn pajjizhom, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lill-Ufficjal Principali Ghall-Immigrazzjoni sabiex, kemm il-darba l-imputati jkunu skontaw il-piena fuqhom imposta, jittiehdu dawk il-mizuri kollha spettanti lilu ai termini tal-***Att dwar l-Immigrazzjoni***, Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**